IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2020
COM(2020) 836 final

**It-tieni ABBOZZ tal-Baġit Ġenerali**
**tal-Unjoni Ewropea**
**għas-sena finanzjarja 2021**

**INTRODUZZJONI ĠENERALI**

MT MT

# DOKUMENTI

## It-tieni ABBOZZ tal-Baġit Ġenerali
## tal-Unjoni Ewropea
## għas-sena finanzjarja 2021

**INTRODUZZJONI ĠENERALI**

https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm

**IT-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI 2021**

**DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKOND IT-TAQSIMA**

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 tat-2 ta' Mejju 2018[1] u l-proposta emendata tagħha tat-28 ta' Mejju 2020[2],

– il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fit-21 ta' Lulju 2020[3] wara l-laqgħa speċjali tas-17-21 ta' Lulju 2020;

– il-proposta tal-Kummissjoni għal Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni u kwistjonijiet baġitarji u ġestjoni finanzjarja tajba tat-2 ta' Mejju 2018[4] u l-proposta emendata tagħha tat-28 ta' Mejju 2020[5].

– il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Mejju 2018[6] u l-proposta emendata tagħha tat-28 ta' Mejju 2020[7],

– il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument tal-Irkupru tal-Unjoni Ewropea biex isostni l-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19[8],

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2013, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[9],

– l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 imressaq mill-Kummissjoni fis-27 ta' Lulju 2020[10],

– il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 adottat mill-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2020[11],

1 COM/2018/322 final
2 COM/2020/443 final
3 EUCO 10/2020
4 COM/2018/323 final
5 COM/2020/444 final
6 COM/2018/325 final
7 COM/2020/445 final
8 COM/2020/441 final/2
9 ĠU L 193, 30.7.2018
10 COM/2020/300 final
11 10378/20

– l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, adottati mill-Parlament Ewropew tat-12 ta' Novembru 2020[12],

– l-ittra Emendatorja 1/2021 għall-abbozz oriġinali tal-baġit ġenerali 2021, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Novembru 2020[13],

– il-fehim komuni dwar il-kontenut tal-baġit għall-2021, ibbażat fuq l-Abbozz ta' Elementi ta' Konklużjonijiet Konġunti Nru 4 kif ippreżentat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Diċembru 2020, milħuq mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-4 ta' Diċembru 2020.

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta l-introduzzjoni ġenerali għat-tieni abbozz tal-baġit ġenerali għall-2021 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Flimkien ma' din l-introduzzjoni ġenerali, id-dettalji sħaħ skont it-taqsima tat-tieni abbozz tal-baġit għall-2021 huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm) fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

---

12 P9_TA(2020)0302

13 COM(2020) 748 final

# WERREJ


1. INTRODUZZJONI ....12

2. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI U T-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT TAL-2021 ....13

2.1. Limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-baġit tal-2021 .... 13

2.2. Ħarsa ġenerali lejn it-tieni abbozz tal-baġit 2021 .... 13

3. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA GĦAT-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT ....17

3.1. Kwistjonijiet orizzontali .... 17

3.2. Approċċ ġenerali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn .... 19

*3.2.1. Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali ....19*

*3.2.2. Intestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ....19*

*3.2.3. Intestatura 2b — Reżiljenza u Valuri ....20*

*3.2.4. Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent ....21*

*3.2.5. Intestatura 4 – Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri ....21*

*3.2.6. Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża ....22*

*3.2.7. Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja ....22*

*3.2.8. Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea ....22*

*3.2.9. Strumenti tematiki speċjali: FEG u SEAR ....26*

3.3. Approċċ ġenerali għall-approprjazzjonijiet ta' pagament .... 26

3.4. Riżervi .... 28

3.5. Bidliet fin-nomenklatura u rimarki dwar il-baġit .... 28

*3.5.1. Rimarki tal-baġit ....28*

*3.5.2. Nomenklatura ....31*

4. RIMARKI KONKLUŻIVI ....32

5. IT-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT TAL-2021 SKONT L-INTESTATURI TAL-QAFAS FINANZJARJU U L-PROGRAMMI EWLENIN ....33

## 1. INTRODUZZJONI

Fis-27 ta’ Lulju 2020 il-Kummissjoni wasslet l-Abbozz tal-Baġit għall-2021 fil-lingwi uffiċjali kollha[14]. Fis-7 ta’ Settembru 2020 il-Kunsill temm il-qari tiegħu tal-Abbozz ta’ Baġit u fit-12 ta’ Novembru 2020 il-Parlament Ewropew adotta l-qari tiegħu. Fit-13 ta’ Novembru, il-Kummissjoni bagħtet l-ittra emendatorja 1/2021 flimkien ma’ stimi aġġornati għas-sena 2021. Peress li l-Parlament Ewropew ma aċċettax il-qari tal-Kunsill u adotta emendi għall-Abbozz tal-Baġit li ma setgħux jiġu aċċettati mill-Kunsill, tlaqqa' Kumitat ta' Konċiljazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 314(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ħadem għal perjodu ta' wieħed u għoxrin jum, bejn is-17 ta' Novembru s-7 ta’ Diċembru 2020. Għalkemm il-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni laħaq fehim komuni dwar il-kontenut tal-baġit għall-2021, abbażi tal-Abbozz ta’ Elementi tal-Konklużjonijiet Konġunti Nru 4 kif ippreżentati mill-Kummissjoni fl-4 ta’ Diċembru 2020, fid-dawl taċ-ċirkostanzi fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021–2027 f’dak iż-żmien, huwa ma kienx f’pożizzjoni li jaqbel dwar test konġunt fil-perijodu ta’ konċiljazzjoni ta’ 21 jum.

Fin-nuqqas ta’ qbil formali fil-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni, f’konformità mal-Artikolu 314(8) tat-TFUE, il-Kummissjoni b’dan tippreżenta t-tieni abbozz tal-baġit għall-2021. Huwa bbażat fuq il-fehim komuni milħuq mill-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni fl-4 ta’ Diċembru. B’mod ġenerali jsegwi l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Kummissjoni, kif emendat permezz tal-ittra Emendatorja nru 1/2021[15], b’xi rinforzi sinjifikanti f’approprjazzjonijiet ta' impenn ta’ programmi u investimenti ewlenin li jikkontrbwixxu għal tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-ħolqien ta’ impjiegi u tkabbir (bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) – Trasport, il-Programm Ewropa Diġitali u LIFE) u b’xi tnaqqis jew rimobilizzazzjoni speċjalment f’intestatura 2b wara l-qari tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew tal-abbozz tal-baġit oriġinali. Żieda mmirata li tammonta għal EUR 20 miljun ta’ Orizzont Ewropa hija proposta permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju. Il-livell globali ta’ pagamenti wara l-bidliet fl-impenji u r-riallokazzjonijiet huwa ta’ EUR 63,9 miljun inqas meta mqabbel mal-Ittra Emendatorja 1/2021.

Minħabba l-progress fl-adozzjoni formali tal-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, it-tieni abbozz tal-baġit ġenerali huwa propost bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu flimkien mal-QFP il-ġdid 2021-2027 qabel tmiem is-sena.

[14] COM(2020) 300 final
[15] COM(2020) 748 final

## 2. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI U T-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT TAL-2021

### 2.1. Limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-baġit tal-2021

Il-limiti massimi għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)[16] għall-istabbiliment tal-abbozz tal-baġit 2021 huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt:

| | Intestatura | Limiti massimi tal-QFP 2021 f'miljuni ta' EUR, bil-prezzijiet attwali |
|---|---|---|
| 1. | **Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali** | **20 919** |
| 2. | **Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri** | **52 786** |
| 2a. | Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 48 191 |
| 2b. | Reżiljenza u Valuri | 4 595 |
| 3. | **Riżorsi Naturali u Ambjent** | **58 624** |
| | li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti | 40 925 |
| 4. | **Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri** | **2 467** |
| 5. | **Sigurtà u Difiża** | **1 805** |
| 6. | **Il-Viċinat u d-Dinja** | **16 247** |
| 7. | **Amministrazzjoni Pubblika Ewropea** | **10 635** |
| | li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 8 216 |
| | **TOTAL TAL-IMPENJI** | **163 483** |
| | **TOTAL TAL-PAGAMENTI** | **166 140** |

Fil-QFM, il-limitu massimu globali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn hu ffissat għal EUR 163 483 miljun, li jirrappreżenta 1,17 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE[17]. Il-limitu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa EUR 166 140 miljun, jew 1,19 % tal-ING.

### 2.2. Ħarsa ġenerali lejn it-tieni abbozz tal-baġit 2021

*EUR miljun fi prezzijiet attwali*

| | Intestaturi | (A) Baġit 2020 (1) | | (B) It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | | (B – A) Differenza 2021 – 2020 ( | | (B / A) Differenza | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | AI | AP | AI | AP | AI | AP | AI | AP |
| 1. | **SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U AĠENDA DIĠITALI** | **21 869,0** | **19 154,7** | **20 816,6** | **17 191,6** | **-1 052,4** | **-1 963,1** | **-4,8 %** | **-10,2 %** |
| | ***Limitu*** | | | *20 919,0* | | | | | |
| | ***Marġni*** | | | *102,4* | | | | | |
| 2. | **KOEŻJONI, REŻILJENZA U VALURI** | **66 213,6** | **62 054,5** | **52 861,9** | **66 153,8** | **-13 351,7** | **4 099,3** | **-20,2 %** | **6,6 %** |
| | ***Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà*** | | | *76,4* | | | | | |
| | ***Limitu*** | | | *52 786,0* | | | | | |
| | ***Marġni*** | | | *0,5* | | | | | |
| 2.a | **— Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali** | **58 568,1** | **55 208,6** | **48 190,5** | **61 867,9** | **-10 377,6** | **6 659,3** | **-17,7 %** | **12,1 %** |
| | *Sottolimitu* | | | *48 191,0* | | | | | |
| | *Sottomarġni* | | | *0,5* | | | | | |
| 2.b | **— Reżiljenza u Valuri** | **7 645,5** | **6 845,8** | **4 671,4** | **4 285,9** | **-2 974,1** | **-2 560,0** | **-38,9 %** | **-37,4 %** |

16 COM/2020/443 final

17 Ċifri tal-ING kif ippreżentati fit-Tbassir Ekonomiku tar-Rebbiegħa 2020 ippubblikat fis-6 ta' Mejju 2020

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà* | | | *76,4* | | | | | |
| | *Sottolimitu* | | | *4 595,0* | | | | | |
| | *Sottomarġni* | | | | | | | | |
| 3. | **RIŻORSI NATURALI U AMBJENT** | **59 936,5** | **58 662,5** | **58 568,6** | **56 804,2** | **-1 368,0** | **-1 858,3** | **-2,3 %** | **-3,2 %** |
| | ***Limitu*** | | | ***58 624,0*** | | | | | |
| | ***Marġni*** | | | ***55,4*** | | | | | |
| | **— Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti** | **43 458,8** | **43 428,7** | **40 368,0** | **40 353,7** | **-3 090,8** | **-3 074,9** | **-7,1 %** | **-7,1 %** |
| | *Sottolimitu* | | | *40 925,0* | | | | | |
| | *Trasferiment nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR* | | | | | | | | |
| | *Marġni tal-FAEG* | | | ***557,0*** | | | | | |
| 4. | **MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI** | **2 367,8** | **2 168,0** | **2 278,8** | **2 686,2** | **-89,0** | **518,2** | **-3,8 %** | **23,9 %** |
| | ***Limitu*** | | | ***2 467,0*** | | | | | |
| | ***Marġni*** | | | ***188,2*** | | | | | |
| 5. | **SIGURTÀ U DIFIŻA** | ***831,4*** | ***814,2*** | ***1 709,3*** | ***670,6*** | ***877,8*** | ***-143,5*** | **105,6 %** | **-17,6 %** |
| | ***Limitu*** | | | ***1 805,0*** | | | | | |
| | ***Marġni*** | | | ***95,7*** | | | | | |
| 6. | **IL-VIĊINAT U D-DINJA** | ***10 848,6*** | ***9 603,3*** | ***16 097,2*** | ***10 811,0*** | ***5 248,6*** | ***1 207,7*** | **48,4 %** | **12,6 %** |
| | ***Limitu*** | | | ***16 247,0*** | | | | | |
| | ***Marġni*** | | | ***149,8*** | | | | | |
| 7. | **L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA** | **10 222,3** | **10 225,3** | **10 448,3** | **10 449,6** | **226,1** | **224,3** | **2,2 %** | **2,2 %** |
| | ***Limitu*** | | | ***10 635,0*** | | | | | |
| | ***Marġni*** | | | ***186,7*** | | | | | |
| | **— Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet** | **7 906,1** | **7 909,1** | **8 035,8** | **8 037,1** | **129,7** | **128,0** | **1,6 %** | **1,6 %** |
| | *Sottolimitu* | | | *8 217,0* | | | | | |
| | *Sottomarġni* | | | *181,2* | | | | | |
| | Skejjel Ewropej u Pensjonijiet | 2 316,1 | 2 316,1 | 2 412,5 | 2 412,5 | 96,4 | 96,4 | 4,2 % | 4,2 % |
| | Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 7 906,1 | 7 909,1 | 8 035,8 | 8 037,1 | 129,7 | 128,0 | 1,6 % | 1,6 % |
| | **APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-INTESTATURI** | **172 289,2** | **162 682,4** | **162 780,6** | **164 767,0** | **-9 508,6** | **2 084,6** | **-5,5 %** | **1,3 %** |
| | ***Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà*** | | | ***76,4*** | ***628,5*** | | | | |
| | ***Limitu*** | | | ***163 483,0*** | ***166 140,0*** | | | | |
| | ***Marġni*** | | | ***778,8*** | ***2 001,4*** | | | | |
| | *Approprjazzjonijiet bħala % tal-ING (2)* | *1,01 %* | *0,96 %* | *1,16 %* | *1,18 %* | *0,15 %* | *0,22 %* | | |
| | **Strumenti tematiki speċjali (3)** | **1 594,9** | **1 425,6** | **1 470,8** | **1 293,5** | **-124,0** | **-132,1** | **-7,8 %** | **-9,3 %** |
| | **Barra mill-QFM** | | | | | | | ∞ | ∞ |
| | **APPROPRJAZZJONIJIET TOTALI** | **173 884,1** | **164 108,0** | **164 251,5** | **166 060,5** | **-9 632,6** | **1 952,4** | **-5,5 %** | **1,2 %** |
| | ***Approprjazzjonijiet bħala % tal-ING*** | ***1,02 %*** | ***0,97 %*** | ***1,17 %*** | ***1,19 %*** | ***0,15 %*** | ***0,22 %*** | | |

(1) Il-Baġit 2020 jinkludi l-baġits emendatorji 1 sa 8 u l-abbozz tal-baġit emendatorju 10.
(2) It-tieni abbozz tal-baġit 2021 huwa bbażat fuq l-aħħar previżjoni tal-ING kif ippreżentat fil-Previżjoni Ekonomika tar-rebbiegħa ppubblikata fis-6 ta' Mejju 2020.
(3) Strumenti tematiċi speċjali jinkludu r-"Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza (SEAR)", il- "Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)", il- "Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)" u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)

F'termini ta' **approprjazzjonijiet ta' *impenn*** (inklużi strumenti tematiċi speċjali), in-nefqa totali proposta fit-tieni abbozz tal-baġit (AB) 2021 hija stabbilita għal EUR 164 251,5 miljun. B'mod globali, dan iħalli marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2021 ta' EUR 778,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

Għall-**approprjazzjonijiet ta'** ***pagament*** (inklużi l-istrumenti tematiċi speċjali), in-nefqa totali mitluba hija ta' EUR 166 060,5 miljun. Kumplessivament, dan iħalli marġni taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2021 ta' EUR 2 001,4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

L-**Istrument ta' Flessibbiltà** għall-2021 huwa mobilizzat f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal ammont ta' EUR 76,4 miljun għall-Intestatura 2b Reżiljenza u Valuri.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2021 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2018, fl-2019, fl-2020 u fl-2021 huma stmati mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 628,5 miljun. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

| *Strument ta' flessibbiltà — profil ta' pagament* | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *Sena ta' mobilizzazzjoni* | 2 021 | 2 022 | 2 023 | 2 024 | **Total** |
| 2018 | 34,2 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | **34,2** |
| 2019 | 135,2 | 140,9 | 82,2 | 0,0 | **358,4** |
| 2020 | 413,7 | 66,2 | 39,9 | 0,0 | **519,8** |
| 2021 | 45,4 | 13,0 | 10,3 | 7,6 | **76,4** |
| **Total** | **628,5** | **220,1** | **132,5** | **7,6** | **988,7** |

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għas-**Suq Uniku, l-Innovazzjoni u l-Aġenda Diġitali** huma stabbiliti għal EUR 20 816,6 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 102,4 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-**intestatura 1**. L-approprjazzjonijiet ta' pagament huma stabbiliti għal EUR 17 191,6 miljun.

Għall-**intestatura 2a Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali** l-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti għal EUR 48 190,5 miljun li jħallu marġni ta' EUR 0,5 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura. L-approprjazzjonijiet ta' pagament huma stabbiliti għal EUR 48 190,5 miljun.

Għall-**intestatura 2b Reżiljenza u Valuri** l-approprjazzjonijiet ta' impenn għal huma stabbiliti għal EUR 4 671,4 miljun, bl-ebda marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 2b u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal EUR 76,4 miljun. L-approprjazzjonijiet ta' pagament huma stabbiliti għal EUR 4 285,9 miljun.

Taħt **intestatura 3 Riżorsi Naturali u l-Ambjent**, il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti għal EUR 58 568,6 miljun li jħallu marġni ta' EUR 55,4 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura. L-approprjazzjonijiet ta' pagament huma stabbiliti għal EUR 56 804,2 miljun.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-**Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri** huma stabbiliti għal EUR 2 278,8 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 188,2 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-**intestatura 4**. L-approprjazzjonijiet ta' pagament huma stabbiliti għal EUR 2 686,2 miljun.

Għall-**intestatura 5 Sigurtà u Difiża** l-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti għal EUR 1 709,3 miljun li jħallu marġni ta' EUR 95,7 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-**intestatura 5**. L-approprjazzjonijiet ta' pagament huma stabbiliti għal EUR 670,6 miljun.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall- **Viċinat u d-Dinja** huma stabbiliti għal EUR 16 097,2 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 149,8 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-**intestatura 6**. L-approprjazzjonijiet ta' pagament huma stabbiliti għal EUR 10 811,0 miljun.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-**Amministrazzjoni ( intestatura 7)** għall-istituzzjonijiet kollha flimkien inklużi l-pensjonijiet u l-iskejjel Ewropej huma rispettivament stabbiliti

għal EUR 10 448,3 miljun ta' impenn u EUR 10 449,6 miljun għall-pagamenti. Il-marġini mhux allokat li jirriżulta huwa ta’ EUR 186,7 miljun.

## 3. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA GĦAT-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT

Kollox ma' kollox, it-tieni abbozz tal-baġit jibni fuq il-fehim komuni milħuq mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-4 ta' Diċembru. Id-dettalji tal-emendi proposti għall-abbozz oriġinali tal-baġit, kif modifikat bl-ittra Emendatorja 1/2021, huma deskritti fil-qosor hawn taħt.

### 3.1. Kwistjonijiet orizzontali

*Aġenziji deċentralizzati*

Għall-aġenziji deċentralizzati, il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u l-għadd ta' karigi huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali kif emendat bl-ittra Emendatorja 1/2021, bl-emendi li ġejjin:

- Taħt intestatura 1b:
  - L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, artikolu tal-baġit 07 10 04) li għaliha huwa propost li jiżdied il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 638 178.
  - L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE, artikolu tal-baġit 07 10 05) li għalih huwa propost li jiżdied il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 971 628.
  - L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust, artikolu tal-baġit 07 10 07) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 500 000.
  - L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE, artikolu tal-baġit 07 10 08) li għalih 8 karigi addizzjonali (li jirrappreżentaw antiċipazzjoni taż-żieda prevista fl-2022) huma allokati u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament żdied b'EUR 7 252 790.
- Taħt l-Intestatura 4:
  - L-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex, artikolu tal-baġit 11 10 01) li għaliha huwa propost li jiżdied il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament b'EUR 61 000 000.
  - L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja (eu-LISA, l-Artikolu 11 10 02 tal-baġit) li għaliha l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 500 000.

*Aġenziji Eżekuttivi*

Għall-aġenziji eżekuttivi, huwa propost li l-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u l-għadd ta' karigi jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2021.

Il-Kummissjoni se tippreżenta Abbozz ta' Baġit Emendatorju fl-2021 sabiex taġġusta l-istruttura u l-approprjazzjonijiet għas-sett il-ġdid ta' aġenziji eżekuttivi ladarba dawn jiġu stabbiliti formalment. Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-aġenziji eżekuttivi l-ġodda u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jiddelegawlhom is-setgħat huma mistennija li jiġu adottati kmieni fl-2021.

*Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji*

It-tieni abbozz tal-baġit jinkludi pakkett komprensiv ta' 59 proġett pilota u azzjonijiet preparatorji għal ammont totali ta' EUR 71,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li jirrifletti l-qari tal-Parlament Ewropew tal-abbozz oriġinali tal-baġit.

## 3.2. Approċċ ġenerali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn

### 3.2.1. Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

| **Linja baġitarja/Programm** | **Isem** | **Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR)** | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **AB 2021 (inkl. IE 1)** | **It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021** | **Differenza** |
| 1.0.221 | CEF Trasport | 1 725 058 000 | 1 785 393 458 | 60 335 458 |
| 02 03 01 | Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport | 1 711 996 420 | 1 772 331 878 | 60 335 458 |
| 1.0.23 | Il-Programm Ewropa Diġitali | 1 103 848 000 | 1 129 576 962 | 25 728 962 |
| 02 04 03 | Intelliġenza artifiċjali | 293 895 160 | 318 323 274 | 24 428 114 |
| 02 04 04 | Ħiliet | 82 290 594 | 83 591 442 | 1 300 848 |
| PPPA | Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji | | | 35 965 000 |
| | **Total** | | | **122 029 420** |

B'konsegwenza ta' dan, l-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 20 816,6 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 102,4 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 1.

F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju[18], l-approprjazzjonijiet ta' impenn jerġgħu jsiru disponibbli fuq il-linji baġitarji għar-riċerka għal total ta' EUR 20 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Il-linji baġitarji li ġejjin huma msaħħa kif ġej:

*(f'Eur)*

| **Linji baġitarji** | | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** |
|---|---|---|
| 01 02 02 10 | Cluster Saħħa | 3 400 000 |
| 01 02 02 40 | Cluster Soċjetà Diġitali, Industrija u Spazju | 3 400 000 |
| 01 02 02 50 | Cluster Klima, Enerġija u Mobbiltà | 6 600 000 |
| 01 02 02 60 | Cluster Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent | 6 600 000 |
| **Total** | | **20 000 000** |

Dawn l-approprjazzjonijiet huma parti mill-ammont globali sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) għall-perjodu 2021–2027 miżmuma fid-"Dikjarazzjoni konġunta" miftiehma fl-10 ta' Novembru 2020. Dan iħalli sa EUR 481,2 miljun fi prezzijiet tal-2018 disponibbli għall-perjodu 2022–2027.

### 3.2.2. Intestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021.

18 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

### 3.2.3. Intestatura 2b — Reżiljenza u Valuri

L-approprjazzjonijiet ta’ impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021, bl-emendi inklużi fit-tabella ta’ hawn taħt:

| Linja baġitarja/Programm | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta’ impenn (f’EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 2.2.23 | Il-kost ta’ finanzjament tal-Istrument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) | 111 461 000 | 39 591 000 | -71 870 000 |
| 06 04 01 | Strument ta’ Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta’ kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq | 106 461 000 | 34 591 000 | -71 870 000 |
| 07 03 01 | Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta’ organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ | 2 298 294 584 | 0 | -2 298 294 584 |
| 07 03 01 01 | Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta’ organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ – Ġestjoni indiretta | 0 | 1 755 470 446 | 1 755 470 446 |
| 07 03 01 02 | Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta’ organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ – Ġestjoni diretta | 0 | 542 824 138 | 542 824 138 |
| 2.2.351 | Ġustizzja | 43 696 000 | 46 392 538 | 2 696 538 |
| 07 07 01 | Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja | 10 646 000 | 11 319 945 | 673 945 |
| 07 07 02 | Appoġġ lit-taħriġ ġudizzjarju | 17 570 000 | 18 682 268 | 1 112 268 |
| 07 07 03 | Il-promozzjoni ta’ aċċess effettiv għall-ġustizzja | 14 380 000 | 15 290 325 | 910 325 |
| 2.2.352 | Drittijiet u Valuri | 90 624 000 | 97 179 152 | 6 555 152 |
| 07 06 02 | Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni | 34 938 000 | 36 238 848 | 1 300 848 |
| 07 06 03 | Daphne | 15 690 000 | 20 444 304 | 4 754 304 |
| 07 06 04 | Il-protezzjoni u l-promozzjoni l-valuri tal-Unjoni | 0 | 500 000 | 500 000 |
| 2.2.3DAG | Aġenziji Deċentralizzati | 211 135 699 | 220 498 295 | 9 362 596 |
| 07 10 04 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) | 23 111 517 | 23 749 695 | 638 178 |
| 07 10 05 | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) | 7 955 000 | 8 926 628 | 971 628 |
| 07 10 07 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) | 42 345 006 | 42 845 006 | 500 000 |
| 07 10 08 | L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) | 37 700 000 | 44 952 790 | 7 252 790 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07 20 04 06 | Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali | 49 380 381 | 28 326 381 | -21 054 000 |
| 07 20 04 09 | Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema | 0 | 21 054 000 | 21 054 000 |
| PPPA | Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji | | | 31 870 000 |
| | **Total** | | | **-21 385 714** |

B'konsegwenza ta' dan, il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 4 671,4 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tain-nefqa tal-intestatura 2b u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont ta' EUR 76,4 miljun.

### 3.2.4. Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

| Linja baġitarja/Programm | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 3.2.21 | Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) | 696 491 000 | 738 505 372 | 42 014 372 |
| 09 02 01 | Natura u bijodiversità | 258 642 156 | 274 720 400 | 16 078 244 |
| 09 02 02 | Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja | 168 461 328 | 178 933 566 | 10 472 238 |
| 09 02 03 | Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih | 121 426 944 | 128 975 334 | 7 548 390 |
| 09 02 04 | Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa | 127 332 437 | 135 247 937 | 7 915 500 |
| PPPA | Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji | | | 3 740 000 |
| | **Total** | | | **45 754 372** |

B'konsegwenza ta' dan, l-approprjazzjonijiet ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 58 568,6 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 55,4 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 3.

### 3.2.5. Intestatura 4 – Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021, bl-emendi spjegati fid-dettall fit-tabella li ġejja:

| Linja baġitarja/Programm | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 4.0.2DAG | Aġenziji Deċentralizzati | 794 770 045 | 734 270 045 | -60 500 000 |
| 11 10 01 | Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) | 566 949 620 | 505 949 620 | -61 000 000 |
| 11 10 02 | Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA") | 227 820 425 | 228 320 425 | 500 000 |
| | **Total** | | | **-60 500 000** |

Wara l-ftehim politiku riċenti tal-10 ta' Novembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-QFP 2021–2027 u sakemm jiġu approvati t-testi rilevanti, it-tnaqqis għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) fl-2021 ma jaffettwax iż-żieda globali ta' EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) maqbula politikament f'dak il-kuntest. It-tnaqqis propost fl-2021 se jiġi kkumpensat fis-snin ta' wara f'konformità mal-ftehim dwar il-QFP, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 2 278,8 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 188,2 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura.

### 3.2.6. Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021.

### 3.2.7. Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

| Linja baġitarja/Programm | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 6.0.111 | Strument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) | 12 060 779 767 | 12 070 958 148 | 10 178 381 |
| 15 02 01 10 | Viċinat tan-Nofsinhar | 1 460 009 385 | 1 470 187 766 | 10 178 381 |
| 6.0.12 | Għajnuna Umanitarja (HUMA) | 1 478 000 000 | 1 503 000 000 | 25 000 000 |
| 15 03 01 | Għajnuna Umanitarja | 1 391 512 450 | 1 416 512 450 | 25 000 000 |
| 6.0.1SPEC | Prerogattivi | 91 394 973 | 93 023 514 | 1 628 541 |
| 15 20 04 03 | Politika ta' informazzjoni u komunikazzjoni strateġika għall-azzjoni esterna | 41 756 023 | 43 384 564 | 1 628 541 |
| PPPA | Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji | | | 175 000 |
| | **Total** | | | **36 981 922** |

Wara l-ftehim politiku riċenti tal-10 ta' Novembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-QFP 2021–2027 u sakemm jiġu approvati t-testi rilevanti, it-tisħiħ tal-Għajnuna Umanitarja huwa parti miż-żieda globali ta' EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) maqbula politikament f'dak il-kuntest, li jħalli EUR 476,4 miljun fi prezzijiet tal-2018 disponibbli għall-perjodu 2022–2027.

B'konsegwenza ta' dan, il-livell ta' impenn huwa stabbilit għal EUR 16 097,2 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 149,8 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura.

### 3.2.8. Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

Għall-intestatura 7, l-għadd ta' karigi fil-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Istituzzjonijiet u l-approprjazzjonijiet huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2021 bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- It-Taqsima tal-Parlament Ewropew li għaliha l-qari tagħha huwa approvat u aġġustat ulterjorment biex jinkludi (i) l-impatt tal-aġġornament rivedut tas-salarji skont l-Ittra Emendatorja 1/2021 u (ii) it-trasferiment ta' żewġ karigi ta' stabbiliment mill-Parlament Ewropew (PE) lill-Kummissjoni Ewropea bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-operazzjonijiet tas-CERT-UE skont l-Ittra Emendatorja 1/2021;
- It-Taqsima tal-Kunsill, li għaliha l-qari tagħha huwa approvat u aġġustat ulterjorment biex jinkludi l-impatt tal-aġġornament rivedut tas-salarji skont l-Ittra Emendatorja 1/2021;
- It-Taqsima tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) li għaliha hemm qbil dwar aġġornament tekniku wara l-modifika tat-tabelli tal-persunal wara r-rikors għall-Artikolu 53(1) tar-Regolament Finanzjarju. Din l-operazzjoni involviet il-konverżjoni ta' kariga waħda permanenti AST11, kariga waħda permanenti AST8, kariga waħda permanenti AST7, żewġ karigi permanenti AST5, kariga waħda permanenti AST4 u kariga waħda temporanja AST/SC3 fi tliet karigi permanenti AD 7 u erba' karigi permanenti AD5 rispettivament bl-ebda impatt fuq il-livell ta' approprjazzjonijiet.
- It-taqsima tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied b'EUR 590 854.
- It-taqsima tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) li għaliha i-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied b'EUR 564 796.
- It-Taqsima tas-Supervżur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data (EDPS) li għaliha hemm qbil dwar aġġornament tekniku wara l-modifika tat-tabelli tal-persunal wara r-rikors għall-Artikolu 53(1) tar-Regolament Finanzjarju. Din l-operazzjoni involviet il-konverżjoni ta' kariga waħda permanenti AST5 f'kariga waħda permanenti AST/SC6 mingħajr ebda impatt fuq il-livell ta' approprjazzjonijiet.
- It-taqsima tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li għaliha l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament qed jiżdied b'EUR 1,0 miljun għall-"Kapaċità ta' Komunikazzjoni Strateġika";

Barra minn hekk bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mal-missjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha ħlief il-Parlament Ewropew naqas b'10 %.

L-aġġustamenti kombinati, li jirriżultaw fi tnaqqis globali ta' EUR 8,8 miljun tal-intestatura 7, huma spjegati fid-dettall skont it-taqsima fit-tabelli li ġejjin:

*Taqsima 1 – Il-Parlament Ewropew*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 4 0 0 | Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi | 63 837 727 | 65 039 727 | 1 202 000 |
| 1 4 0 1 | Aġenti oħra — Sigurtà | 38 084 545 | 34 584 545 | -3 500 000 |
| 2 0 0 0 | Kera | 26 301 000 | 27 301 000 | 1 000 000 |
| 2 0 2 6 | Sigurtà u sorveljanza tal-bini | 16 030 000 | 19 530 000 | 3 500 000 |
| 3 0 2 | Spejjeż ta' rappreżentazzjoni | 845 500 | 858 500 | 13 000 |
| 3 0 4 2 | Laqgħat, kungressi, konferenzi u delegazzjonijiet | 2 780 000 | 2 857 000 | 77 000 |
| 3 2 0 | Akkwist tal-opinjoni tal-esperti | 6 629 500 | 7 491 500 | 862 000 |
| 2 1 2 | Għamara | 5 910 000 | 4 910 000 | -1 000 000 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 1 | Riżerva ta’ kontinġenza | 4 500 000 | 2 346 000 | -2 154 000 |
| | **Total** | | | **0** |

*Taqsima 2 — Kunsill Ewropew u Kunsill*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f’EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 3 3 1 | Spejjeż tal-missjonijiet tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill | 3 600 000 | 3 240 000 | -360 000 |
| 1 3 3 2 | Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew | 1 650 000 | 1 485 000 | -165 000 |
| 2 2 0 0 | Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet | 17 228 000 | 15 505 000 | -1 723 000 |
| 2 2 0 1 | Spejjeż ta' vvjaġġar varji | 570 000 | 513 000 | -57 000 |
| 2 2 1 3 | Tagħrif u avvenimenti pubbliċi | 5 095 000 | 4 585 500 | -509 500 |
| | **Total** | | | **-2 814 500** |

*Taqsima 3 – Il-Kummissjoni*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f’EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 20 02 06 01 | Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet | 59 145 000 | 53 230 000 | -5 915 000 |
| 20 02 07 01 | Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet | 6 083 000 | 5 475 000 | -608 000 |
| 20 03 15 01 - O1 01 03 01 | Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet - Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentazzjoni | 235 000 | 212 000 | -23 000 |
| 20 03 15 02 - O2 01 03 01 | Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal - Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjoni | 401 000 | 361 000 | -40 000 |
| 20 03 16 01 - O3 01 03 01 | Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Ħlas ta’ Drittijiet Individwali - Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjoni | 153 000 | 138 000 | -15 000 |
| 20 03 16 02 - O4 01 03 01 | Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — Brussell - Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjoni | 138 000 | 124 000 | -14 000 |
| 20 03 16 03 - O5 01 03 01 | Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — il-Lussemburgu - Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjoni | 111 000 | 100 000 | -11 000 |
| 20 03 17 - O6 01 03 01 | Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) - Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentazzjoni | 1 460 000 | 1 314 000 | -146 000 |
| | **Total** | | | **-6 772 000** |

*Taqsima 4 – Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f’EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 6 2 | Missjonijiet | 450 000 | 405 000 | -45 000 |
| | **Total** | | | **-45 000** |

*Taqsima 5 – Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 6 2 | Missjonijiet | 3 320 000 | 2 988 000 | -332 000 |
| | **Total** | | | **-332 000** |

*Taqsima 6 – Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 6 2 | Missjonijiet | 421 082 | 378 974 | -42 108 |
| 2 5 4 8 | Interpretazzjoni | 6 735 709 | 7 326 563 | 590 854 |
| | **Total** | | | **548 746** |

*Taqsima 7 – Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 6 2 | Missjonijiet | 311 461 | 280 315 | -31 146 |
| 2 1 4 | Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi | 1 097 271 | 1 262 067 | 164 796 |
| 2 5 4 1 | Partijiet terzi | 104 100 | 304 100 | 200 000 |
| 2 6 4 | Attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Gruppi Politiċi tal-KtR | 195 049 | 395 049 | 200 000 |
| | **Total** | | | **533 650** |

*Taqsima 8 – L-Ombudsman Ewropew*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 3 0 0 | Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol | 150 000 | 135 000 | -15 000 |
| | **Total** | | | **-15 000** |

*Taqsima 9 — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 1 2 0 | Spejjeż għall-missjonijiet, spejjeż għall-ivvjaġġar u nefqa oħra anċillari | 155 000 | 139 500 | -15 500 |
| 3 0 3 0 | Spejjeż għall-missjonijiet, spejjeż għall-ivvjaġġar u nefqa oħra anċillari | 50 000 | 45 000 | -5 000 |
| 3 0 4 8 | Spejjeż tal-President u tal-Viċi Presidenti tal-EDPB | 59 000 | 53 100 | -5 900 |
| | **Total** | | | **-26 400** |

*Taqsima 10 – Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna*

| Programm / Linja baġitarja | Isem | Varjazzjoni fl-approprjazzjonijiet ta' impenn (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | AB 2021 (inkl. IE 1) | It-tieni abbozz tal-baġit tal-2021 | Differenza |
| 1 4 0 | Missjonijiet | 9 132 050 | 8 229 645 | -902 405 |
| 2 2 1 4 | Kapaċità ta' Komunikazzjoni Strateġika | 3 000 000 | 4 000 000 | 1 000 000 |
| | **Total** | | | **97 595** |

B'konsegwenza ta' dan, huwa propost li l-livell ta' impenn jiġi stabbilit għal EUR 10 448,3 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 186,7 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 7.

#### 3.2.9. Strumenti tematiki speċjali: FEG u SEAR

L-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), u r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza (SEAR) huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz tal-baġit, kif emendat bl-Ittra Emendatorja Nru 1/2021.

### 3.3. Approċċ ġenerali għall-approprjazzjonijiet ta' pagament

Il-livell ġenerali tal-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa propost li jiġi stabbilit fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2020, bl-emendi li ġejjin:

1. L-ewwel nett, jitqies il-livell propost ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għal nefqa mhux differenzjata, li għaliha l-livell propost ta' approprjazzjonijiet ta' pagament huwa ugwali għal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn. Dan jinkludi t-tnaqqis tal-ispiża tal-finanzjament tal-Istrument Ewropew ta' Rkupru (EURI) b'EUR 71,9 miljun u l-aġġustament għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-aġenziji deċentralizzati. L-effett ikkombinat huwa tnaqqis ta' EUR 123,0 miljun;
2. L-aġġustamenti kkombinati taħt l-intestatura 7 li jirriżultaw fi tnaqqis globali ta' EUR 8,8 miljun;
